# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza 29 ta' Marzu, 2023

Avviz tat-Talba numru: 299/2021 CL

**Dino Fino Opperation Limited (C 81069)**

**VERSUS**

**Sarah Psaila u b'digriet moghti mit-Tribunal datat 18 ta' Mejju 2022, isem il-konvenuta ghandu jinqara Sarah Brincat (KI nru: 620382M)**

It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar l-1 ta' Novembru 2021, fejn is-socjeta attrici talbet lil Tribunal jidikkjara illi l-konvenuta hija debitrici fil-konfront tar-rikorrenti fl-ammont ta' erbat elef, mitejn u hmistax-il euro u disgha u hamsin centezmu (€4,215.59) li jikkonsistu f'bilanc rimanenti ghal ghamara mibjugha, ikkonsenjata u installata fuq inkarigu tal-konvenuta. Jordna lill-konvenuta thallas l-ammont ta' erbat elef, mitejn u hmistax-il euro u disgha u hamsin centezmu (€4,215.59) bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali numu 1356/2021 u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta, li minn issa ngunta in subizzjoni. Illi s-socjeta rikorrenti kienet bieghat, ikkonsenjat u installat fuq inkarigu tal-konvenuta l-ghamara b'valur totali ta' dsatax-il elf, tlett mija,tlieta u erbghin euro u tnejn u erbghin centezmu (€19,343.42). Illi minn tali somma il-konvenuta naqset illi thallas l-ammont shih u hija debetrici fl-ammont ta' erbat elef, mitejn u hmistax-il euro u disgha u hamsin centezmu (€4,215.59) skond statement anness u mmarkat Dok A.

Ra l-atti processwali u d-dokumenti kollha mressqa;

Ra illi fis-seduta tal-1 ta' Frar 2023, it-Tribunal kien innota li l-konvenuta kienet notifikata, izda la ressqet risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta mizmuma quddiem it-Tribunal u lanqas ma deher xi rapprezentant taghha biex issehh kontestazzjoni tat-talba tas-socjeta attrici. Ghalhekk, il-konvenuta waqghet fi stat ta' kontumacja skond dak previst fid-disposizzjonijiet relattivi tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta. Is-socjeta attrici ipprezentat kapitoli fil-konfront tal-konvenut fl-1 ta' Frar 2023, izda fis-seduta tal-15 ta' Frar 2023, il-konvenuta ma dehritx, minkejja li kien msejha ghas-subizzjoni u b'hekk wara li semghet il-provi l-kawza thalliet ghas-sentenza.

It-Tribunal jikkunsidra;

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi, "Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is- smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda."

Il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 13 ta' l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, "Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d- disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis."

Fil-kaz prezenti, u hekk kif registrat fl-udjenza tal-1 ta' Frar, 2023, minkejja li l-konvenuta giet debitament notifikata bl-atti processwali, la ressqet risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma deher xi rapprezentant taghha quddiem it-Tribunal fl-udjenza msemmija li kienet tmiss wara n-notifika lilha ta' l-atti. Tali konvenuta, ghalhekk, kienet giet dikjarata fi stat ta' kontumacja, skond id-dettami tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta, fl-imsemmija udjenza. Izda ghalkemm kontumacja jehtieg li t-talba tas-socjeta attrici tigi sodisfacentament ipprovata.

Ghalkemm kontumaci, tali stat silenzjuz ma jfissirx li l-parti konvenuta qed tammetti dak allegat u/jew pretiz mill-parti attrici, l'ghaliex xorta wahda jibqa' d-dmir ta' din l-ahhar parti li tipprova l-kaz taghha sa' dak il-grad probatorju rikjest mil-Ligi. Fill-kawza **Giuseppe Gerada v. Salvu Attard** ingahd illi "*ghalkemm il- konvenut jibqa' kontumaci, dan ma jaghtix lok ghall-prezunzjoni ta' abbandun tal-liti, ghad-difett ta' eccezzjonijiet legittimi, jew ghal adezjoni ghad-domanda; imma, inveci, ghas-suppozizzjoni ta' rimessjoni ghall-gustizzja tat- tribunal*.[1]"

Rat illi fil-15 ta' Frar 2023 xehed Donald Mallia li ikkonferma li l-ammont kien ghadu dovut u ma kienx thallas ebda ammont. Ghalhekk, fid-dawl tal-appena indikati provi mressqa mis-socjeta attrici, u anke, izda mhux biss, bid-diskrezzjoni ekwitattiva vestita f'dan it-Tribunal, it-talba attrici timmerita li tigi milqugha peress li tressqu provi tajbin u sufficjenti li jsostnu dak mitlub mis-socjeta attrici fi procediment gudizzjarju bhal dan. Tali provi ma gew bl-ebda mod kontradetti u dan it-Tribunal ma jiddubitax mil-veracità u r-rilevanza taghhom.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba tas-socjeta attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta biex thallas lill-istess socjeta attrici is-somma ta' ta' erbat elef, mitejn u hmistax-il euro u disgha u hamsin centezmu (€4,215.59), flinkien mal-ispejjes tal-ittra uffiicjali numru 1356/21 u bl-imghaxijiet mid-data tal-ittra ufficjali[2] sad-data tal-hlas effettiv u finali.

L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri, ghandhom jithalsu mill konvenuta.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**

**GUDIKATUR**

[1] Giuseppe Gerada v. Salvu Attard (Appell Kummercjali, 6 ta' Novembru, 1959)

[2] Foll 32 datat 3 ta' Gunju 2021